**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Jannar, 2015

Rikors Guramentat numru : 445/2015 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewwgu fl- 10 ta' Ottubru tas-sena elf disa` mija u sebgha u disghin (1997), u dana kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A, u minn dan iz-zwieg twieled tifel fil-wiehed u tletin (31) ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u li gie msemmi GD;
Illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Liza Schembri sa mis-sebgha (7) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u dana skont il-kopja tal-kuntratt tas-

separazzjoni personali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B.

Illi m'hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom circa sitt snin mifrudin minn ma' xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma' xulxin;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-klawsola numru tnejn (2), il-partijiet irrinunzjaw reciprokament ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-klawsola numru sitta (6), il-partijiet ftehmu dwar il-manteniment dovut ghall-imsemmi b'dan illi sad-data tal-prezenti l-intimat dejjem wettaq l-obbligi tieghu skont l-istess artikolu;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-kisb tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall ossia divorzju taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Novembru 2015;

Semghet lill-intimat jiddikjara fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2015 li ma ghandu l-ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 ta' Ottubru 2010 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.